C/2024/5862

26.9.2024

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11730 – TAV / FRAPORT / FTA I JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/5862)

1. Fit-18 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TAV Havalimanlari Holding A.S. ("TAV", it-Turkija), li fl-aħħar mill-aħħar hija kkontrollata minn Aéroports de Paris S.A.;

— Fraport AG ("Fraport", il-Ġermanja).

TAV u Fraport se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' impriża konġunta ġdida ta' sit f'maħdar iddedikata għall-forniment ta' servizzi tal-ikel u tax-xorb fl-ajruport ta' Antalya fit-Turkija.

Il-konċentrazzjoni qed issir permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija li għadha kif ġiet maħluqa li tikkostitwixxi impriża konġunta.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— TAV hija operatur ta' ajruport Tork,

— Fraport hija operatur tal-ajruport ibbażat fil-Ġermanja.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta ġdida ta' sit f'maħdar se jkunu li ġejjin: il-forniment ta' servizzi tal-ikel u x-xorb fl-ajruport ta' Antalya fit-Turkija.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11730 – TAV / FRAPORT / F&B JV

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Posta elettronika: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Ir-Reġistru tal-Fużjonijiet
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIËs